Diċembru 2013 • Vol 20 • Nru. 4

# IL-PULIZIJA

Xogħlna u ħajjitna fil-Korp




Newspaper Post




Ritratt: Sezzjoni tal-Fotografija

Diċembru 2013 • Vol 20 • Nru. 4

IL-PULIZIJA

Xogħlna u ħajjitna fil-Korp

# WERREJ













5 Editorjal

7 Messaġġ mill-Ministru tal-Intern u s-Sigurta' Nazzjonali Manuel Mallia lill-Membri tal-Korp tal-Pulizija

9 Messaġġ mill-Kummissarju tal-Pulizija Peter Paul Zammit lill-Membri tal-Korp tal-Pulizija

10 Mitejn sena anniversarju – il-"Branding"

13 Esperjenza ta' taħriġ fil-'Community Policing Management' fiċ-Ċina

17 Jinħatru 47 Surġent ġdid kif ukoll jiġu kkonfermati 31 Spettur

21 Niltaqgħu ma' Robert Cauchi

24 Kliem razzjali jew le?

29 Ir-Relazzjonijiet Pubbliċi

31 Tpingija - Mill-Ispettur Saviour Baldacchino - DIK

33 Mixja għal kawża ġusta

35 Seminar b'tagħlim utli għall-membri tas-Sezzjoni tal-Klieb

37 Paġna għat-Tfal

39 Is-Serqa tal-pagi tat-Tarzna - *It-Tielet Parti*

45 Apprezzamenti u kommendazzjonijiet lill-Pulizija

47 Alessia tgħaqqad Sirakuża ma' Malta

51 Tissaħħaħ il-Ġlieda Kontra l-Kriminalità Elettronika

53 Tifkiriet u Kuntrasti

55 L-"Advanced Passenger Information System" (API)

57 International Police Association

60 Malta Association of Retired Police Officers

62 Mejtin

IL-PULIZIJA

**Membri tal-Bord Editorjali:**

**President:** Supretendent Mario Spiteri
**Editur:** Assistent Kummissarju Antoine Casha
**Membri:** WPS 101 Roberta Grima
WPC 25 Charlene Cilia
PC 256 Kurt Bugeja Coster
Supt Antonello Grech

**Il-Pulizija** tirringrazzja lid-ditti u l-aġenti tar-reklamar li għoġobhom jagħtu l-għajnuna tagħhom. L-artikli li jidhru f'dan il-magażin ma jirriflettux bilfors l-opinjoni tal-Bord. Kull korrispondenza għandha tkun ittajpjata u għandha tintbagħat fl-indirizz hawn taħt:

Editur, "il-Pulizija", C.M.R.U.,
Police Headquarters, Floriana, VLT 2000
jew magazine.police@gov.mt

Disinn u riklamar

Ability Publications Ltd.
Tel: 21 241317, 27 241345
Fax: 21 241317
e-mail: refer@maltanet.net

Stampar

GUTENBERG PRESS - TARXIEN

# Editorjal

Bl-għajnuna t'Alla waslet biex tgħaddi sena oħra. Sena li fiha l-Korp tal-Pulizija kien impenjat iżjed b'Elezzjoni Ġenerali fejn il-poplu Malti għażel bidla fit-tmexxija tal-amministrazzjoni tal-pajjiż.

Din il-bidla ġabet ukoll bidla fit-tmexxija tal-Korp. Din it-tmexxija tal-Korp tidher li qed twettaq diversi ħidmiet bħal ir-reinstatement ta' diversi Pulizija kif ukoll l-impjieg ta' diversi *Reserve Constables* kif hemm maħsub fl-Att dwar il-Pulizija; saru diversi promozzjonijiet għar-rank ta' Surġent kif ukoll għar-rank ta' Surġent Maġġur. Fil-futur qarib, jidher ukoll li se jkun hemm ħatriet ġodda fl-amministrazzjoni għolja tal-Korp li jindikaw li se jkun hemm tibdil sostanzjali fl-qafas organizattiv tal-Korp. Qed isiru wkoll sforzi akbar biex il-Korp jattira u jassorbi aktar fondi ta' l-Unjoni Ewropeja.

Wieħed għandu jifhem u jawgura li dan it-tibdil u dawn il-ħatriet iwasslu biex il-Korp se jkun aktar effettiv u effiċjenti biex jilqa' l-isfidi tal-futur, fosthom il-laqgħa taċ-CHOGM f' Malta fl-2015 u l-Presidenza ta' l-Unjoni Ewropeja fl-2017.

Il-Bord Editorjali jawgura Milied seren u Sena Ġdida mimlija saħħa, ġid lilkom u lill-familji tagħkom.

# Messaġġ mill-Ministru tal-Intern u s-Sigurta' Nazzjonali Manuel Mallia lill-Membri tal-Korp tal-Pulizija



*Għeżież membri tal-Korp,*

Nawguralkom Milied hieni lilkom u lill-familji tagħkom. Il-Milied għalija jfisser mument ta' riflessjoni u għaqda, u dan hu dak li nawguralkom għal dawn il-jiem.

Nibda billi nirringrazzjakom tax-xogħol li qed tagħmlu b'sagrifiċċju u impenn li nassigurakom qed jiġi apprezzat minn dan il-gvern. Din is-sena permezz tal-media smajna ukoll xi stejjer ta' pulizija li jmorru lill hinn mid-dover tagħkom biex jgħinu liċ-ċittadin. Naf li stejjer bħal dawn jiġru ta' kuljum għax persważ li l-maġġoranza tagħkom, tifhmu l-irwol tagħkom fis-soċjeta' bl-istess mod li nifhmu jien, jiġifieri dak li l-pulizija jkun il-ħabib taċ-ċittadin.

Ninnota d-diversi suċċessi li kellkom fil-ġlieda kontra l-kriminalita' fosthom fil-ġlieda kontra d-droga, kontra l-logħob tal-azzard, kif ukoll kontra l-vjolenza. Nifraħ ukoll lill-iskwadra l-ġdida tar-*Rapid Intervention Unit*, li diġa' bdiet turi l-frott tagħha minkejja li ġiet imwaqqfa biss ftit xhur ilu, fl-ewwel ta' Lulju. Membri ta' din l-iskwadra, f'xi drabi saħansitra qed jaslu qabel l-ambulanzi, bħalma ġara f'Settembru li għadda f'Pembroke fejn il-membri tal-RIU assistew tarbija li kienet għadha kemm waqgħet mill-għoli biex ipprevjenu danni ulterjuri. Nirringrazzja ukoll lil dawk il-Pulizija li jaħdmu fis-Sezzjoni tal-Immigrazzjoni. Naf li b'mod speċjali din is-sena kienet impenjattiva. Nifhem l-għafsa ta' qalb li tħossu meta taslu fuq il-post tard wisq, u tiġbru kadavri minflok ssalvaw ħajjiet, speċjalment meta l-kadavri ikunu tat-tfal. Huma esperjenzi xokkanti u nassigurakom li tinsabu fi ħsibijieti u jien bħala Ministru ser naċċerta li jkollkom l-għajnuna kollha neċessarja biex tegħlbu trawmi simili.

Dan il-gvern jemmen fl-investiment fil-Korp tal-Pulizija, u kien għalhekk li fil-*budget* għas-sena l-ġdida, żidna l-*budget* tal-Korp b'miljun u nofs ewro. Din iż-żieda ser tintuża biex ikompli l-proċess ta' immodernizzar tal-Korp permezz ta' aktar riżorsi umani għax aħna nemmnu li s-suċċess fil-ġlieda kontra l-kriminalita' jiddependi minnkom, u għalhekk ħriġna sejħiet għall-aktar pulizija.

Dan mhux biżżejjed. Irridu ninvestu fit-taħriġ tagħkom. Matul din is-sena kompla x-xogħol fuq il-bini tal-Akkademja l-ġdida bil-kostruzzjoni tal-*Administration and Lecture Block* li issa wasal fil-fażijiet finali. Bħalissa għaddejjin proċeduri sabiex jibdew ix-xogħlijiet għall-kostruzzjoni ta' dormitorju ġdid fl-istess Akkademja. Din l-akkademja tal-Pulizija għandha toffri edukazzjoni fuq livell għoli. Din ser tkun l-kulleġġ tal-Pulizija. Qed inħeġġukom ukoll tistudjaw għal raskom, billi noffrulkom ukoll aktar *flexible hours*, b'differenza minn kif kien jiġri fi-passat, fejn kważi kważi wieħed kien jibża' juri x-xewqa tiegħu li jrid jistudja ġaladarba jkun membru tal- Korp.

Iż-żieda fil-*Budget* ser tintuża ukoll sabiex tkompli tissaħħaħ l-infrastruttura fil-Korp. Din is-sena nxtara apparat ġdid bħal *taser guns*, *radios*, muturi kif ukoll ilbies protettiv għall-Pulizija tat-Traffiku. Barra minn hekk, tkompla x-xogħol ta' tisbieħ u manutenzzjoni f'diversi għases u taqsimiet tal-Korp. Matul din is-sena, ġie installat ukoll *Audio Visual Recording Equipment*, biex jintuża waqt l-investigazzjonijet kriminali. Bħalissa għaddej proċess ta' *tender* biex jinxtara *CCTV Equipment* sabiex jintuża fl-inħawi tal-*Lock Up* tal-Pulizija. Matul din is-sena, inħarġu wkoll *tenders* sabiex inxtraw affarijiet ta' natura rikorrenti bħal uniformijiet u aċċessorji relatati, apparat ta' IT, manutenzjoni ta' apparat eżistenti, *spare parts* u affarijiet oħra. Hu importanti li l-Korp tal-Pulizija jisfrutta fondi ewropej biex jieħu vantaġġ mill-aktar tagħmir avvanzat. Matul is-sena nxtraw 11-il karozza *saloon* taħt il-proġett tal-*European Border Fund*.

Issa wasal il-mument li l-Korp jibda jipprepara ruħu għall-isfida li ser toffri l-Presidenza ta' Malta tal-Unjoni Ewropea fl-2017. Aħna ser inkunu l-pedament tagħkom biex intom tippreparaw ruħkom sew, filwaqt li ser neżiġi l-ogħla *standard* possibbli. Naf li bħalissa l-Korp qed jaħseb sabiex ikollu post adekwat fil-Kwartieri Ġenerali, li jkun mgħammar bil-faċilitajiet u r-riżorsi kollha meħtieġa għal dan l-avveniment.

Jien nikkonkludi dan il-messaġġ tiegħi billi nirringrazzja lil kull membru tal-Korp tal-ħidma tiegħu, speċjalment lil dawk il-membri ta' dipartimenti li ma tantx jissemew, iżda mingħajr dubju jagħtu l-kontribut tagħhom b'ħafna' lealta' mingħajr daqq ta' trombi. Naf li għall-Pulizija, il-Milied minflok aktar ħin mal-familja, jista' jfisser aktar xogħol. Għal uħud minnkom, din is-sena, m'intomx ser tesperjenzaw *countdown* tal-ewwel tas-sena jew inkella l-ikliet tal-Milied u tal-Ewwel tas-sena. Napprezza dan is-sagrifiċċju tagħkom u nirringrazzja lill-familji tagħkom tal-appoġġ tagħhom.

Il-Milied u s-Sena t-tajba
Dejjem tagħkom ,
Manuel Mallia
Il-Ministru tal-Intern u s-Sigurta' Nazzjonali

# Messaġġ mill-Kummissarju tal-Pulizija Peter Paul Zammit lill-membri tal-Korp tal-Pulizija

Għeżież kollegi,

Dan huwa l-ewwel messaġġ tiegħi għall-Milied u s-sena l-ġdida bħala Kummissarju tal-Pulizija. Dan il-messaġġ nixtieq li nibgħatulkom kemm bħala l-kap tad-dipartiment, ta' fejn intkom tqattgħu parti kbira minn ħajjitkom isservu lin-Nazzjon kif ukoll bħala missier b'responsabbilita' lejn kull wieħed u waħda minnkom u l-familji tagħkom.

Mill-ħatra tiegħi sal-lum, m'għaddietx ġurnata li fiha ma ltqajtx ma' dawk minnkom li xtaqu jitkellmu miegħi. Ħafna minnkom xtaqu jaqsmu miegħi l-esperjenzi u l-problemi li ġġorr magħha l-ħajja ta' Pulizija. Għalkemm inqatta' ħafna ħin fl-uffiċċju, bħalkom ngħaddi minn mumenti ta' ferħ u niket abbinati max-xogħol. Il-ħidma tagħna mhix sempliċiment xogħol, imma milja tal-kuluri kollha ħajja, li timlina bl-esperjenzi ta' kull xorta. Bħal issa ħafna minnkom u l-aktar dawk pensjonanti/eks membri qed jiftakkru f'dawk l-esperjenzi li għaddew minnhom fil-Pulizija. Minn hawn nixtieq nirringrazzja lil dawk kollha li taw sehmhom lill-Korp fil-milja taż-żminijiet.

Minn mindu ngħatajt il-kariga ta' Kummissarju tal-Pulizija, wieħed mill-għanijiet tiegħi kien li nwassal lill-pubbliku l-għarfien tax-xogħol siewi li jsir fi ħdan il-Korp u għalhekk ftaħt iktar il-bibien lill-mezzi tax-xandir. Kien għalhekk ukoll li ġiet mnedhija l-paġna fuq il-*Facebook* u ttieħdu diversi inizjattivi sabiex nuru lill-pubbliku xi tfisser vera li tkun Pulizija.

Din is-sena ġiet iffurmata r-*Rapid Intervention Unit*, li permezz tas-sagrifiċċji kbar li qed jagħmlu l-membri ta' din l-Unita', qed iwettqu ħidma ta' suċċess f'kull jum tal-ħidma tagħhom. Kien hemm promozzjonijiet tas-Surġenti, ġew ikkonfermati grupp ta' Spetturi, saru s-Surġenti Maġġuri u ser jsiru iktar promozzjonijiet fil-ġejjieni qarib.

Wara diskussjonijiet bdejna nimplimentaw ħinijiet iktar flessibbli lill-membri tal-Pulizija sabiex jieħdu ħsieb membri tal-familja tagħhom kif wkoll jtennu jew jibdew studji li jservu kemm fil-ħajja tagħhom kif wkoll fix-xogħol tagħhom. Jien li nilbes l-uniformi bħalkom rajt wkoll li jsiru ċertu tibdiliet fl-uniformijiet, bħal sewqan bla beritta kif wkoll alterazzjoni fil-bdil tal-uniformi skont it-temp.



Din is-sena, kważi għaddiet, u magħha għaddew ġranet sħaħ ta' ħidma li minn qalbi nirrigrazzja lilkom, nisa u rġiel membri tal-Korp, tal-impenn muri minnkom. Ma nistax nħalli barra `l-familji tagħkom, li bħal marti u wliedi, jagħmlu sagrifiċċji kbar tul is-sena kollha li jkollhom jgħaddu mingħajrna, anke f'mumenti importanti fil-ħajja tagħhom, minħabba li aħna nkunu mpenjati naraw li s-soċjeta' hija protetta. Intom membri tal-familji tagħna wkoll għandkom parti mportanti fil-Korp tal-Pulizija u għalhekk nirrigrazzjakom.

Bħal snin fil-passat, anke din is-sena, kellna s-suċċessi tagħna u anke mumenti li forsi ma kinux hekk kif wieħed jixtieq. Iżda bla dubju li l-animu dejjem kien wieħed tajjeb. Din is-sena kellna numru t'omiċidji u numru ħafna akbar t'immigrazzjoni irregolari, fost ħafna ħidmiet oħra. Minkejja kollox il-Pulizija tibqa' tinsisti sabiex isir ħaqq mal-vittmi kif ukoll mal-qraba tagħhom. Kienu ħafna l-Pulizija li ħadmu ma' dawk il-persuni li waslu pajjiżna f'mumenti ta' disperazzjoni, u qagħdu magħhom sabiex jassistuwhom filwaqt li ħassew anke huma d-dieqa tad-diffikulta' tal-ħajja. Il-qalb tal-Pulizija dejjem toħroġ ma' min ikun fil-bżonn u ta' dan għandna nkunu kburin li niffurmaw parti minn Korp li ġej min-nies u qiegħed hemm għan-nies.

Is-sena li deħlin fiha ser niċċelebraw il-mitejn sena mit-twaqqif tal-Korp tal-Pulizija ta' Malta. Ser norganizzaw attivitajiet denji għal Korp magħmul minn nisa u rġiel li jagħtu l-parti kbira minn ħajjithom skont il-ġurament li huma ħadu sabiex iservu lill-pajjiż.

Filwaqt li nerġa` ntenni r-ringrazzjament tiegħi, nixtieq nawgura lilkom u lill-familji għeżież tagħkom, il-Milied it-Tajjeb u Sena Ġdida mimlija saħħa u ġid.

Grazzi
Kummissarju tal-Pulizija

# Mitejn sena anniversarju – il-*"Branding"*

It-12 ta' Lulju tas-sena li ġejja, mhux ser ifisser biss anniversarju sempliċi minn mindu twaqqaf il-Korp tal-Pulizija ta' Malta, iżda l-2014 hija wkoll is-sena tal-biċentinarju tal-fondazzjoni tiegħu.

Għall-organizzazzjoni ta' dan l-avveniment, inħatret Kummissjoni apposta fuq bażi volontarja mill-Ministeru għall-Intern u s-Sigurta' Nazzjonali, komposta minn diversi professjonisti f'oqsma differenti fosthom fl-arti, fix-xandir u fl-istorja legali u dik tal-pulizija. L-għan ta' din il-Kummissjoni huwa li tieħu ħsieb l-organizazzjoni tal-attivitajiet fl-okkażjoni tal-200 sena mit-twaqqif tal-Korp. Fost l-ewwel impenji ta' din il-Kummissjoni kien hemm l-għażla tal-'*branding*' tal-biċentinarju, liema '*branding*' se jibqa' jidher tul l-attivitajiet kollha li l-Korp se jorganizza matul is-sena 2014.

Il-'*branding*' li ġie magħżul hu: **200 Sena Min-Nies Għan-Nies**, li jfisser li l-Korp dejjem kien magħmul min-nies u ċjoe' ċittadini ordinarji, għas-servizz tal-istess nies. Il-'*branding*' jissimbolizza wkoll li għalkemm il-Korp hu wieħed dixxiplinat, mhuwiex wieħed militari bħal ma wieħed għad isib f'korpi oħra tal-Pulizija li jeżistu fil-kontinent bħall-Italja (Carabinieri), l-Olanda (Royal Marechausee), Franza (Gendarmerie), Spanja (Guardia Civil) u l-Portugal (Guardia Nacional Republicana), fost l-oħrajn.

Ix-xogħol artistiku tal-'*branding*' sar kollu minn membru tal-Korp tal-Pulizija, PC1342 Ryan Buttigieg mit-Taqsima tal-Fotografija tad-Dipartiment tal-Forensika. Huwa spjegalna kif wasal għad-disinn ta' dan il-'*branding*'.

Il-bażi tad-disinn huwa s-Salib ta' Malta bit-tmien ponot, li ssibu fuq l-emblema uffiċjali tal-Korp. Dan ġie nkorporat fid-disinn sabiex joħodna mill-passat,




għall-preżent u lejn il-futur tal-Korp tal-Pulizija. Fuq is-salib jinsab ċinturin bil-bokkla, li jissimbolizza li l-Korp hu wieħed dixxiplinat. Inkorporat fis-salib, insibu l-emblema ta' Malta bil-kuluri nazzjonali. It-tipa użata fuq iċ-ċinturin issaħħaħ it-tema li għalkemm il-membri tal-Korp jiffurmaw parti minn korp dixxiplinat, huma mhumiex militari iżda ċivili. Il-moviment fl-arma in ġenerali jissimbolizza l-evoluzzjoni tal-Korp minn kif nafuh fil-passat għal dak li hu llum. Is-sempliċita' fil-bażi tad-disinn tati l-impressjoni ta' unita' fil-Korp, hekk kif tidher minn għajnejn l-artist. L-intenzjoni wara l-kuluri sempliċi li ntużaw għandha sinifikat wkoll għax id-disinjatur ried jindika s-sensibbilita' tal-membri tal-Korp lejn kull sfera u saff tas-soċjeta' Maltija.

Bħala Korp, li l-missjoni tiegħu dejjem taspira li tkun dejjem viċin in-nies, it-tipa użata fil-kitba hija waħda bbażata fuq stil sempliċi u mhux formali sabiex tindika interazzjoni ma' kull membru tas-soċjeta' – hu min hu jew hi min hi.

magazine.police@gov.mt

# Esperjenza ta' taħriġ fil-*'Community Policing Management'* fiċ-Ċina

mis-Supretendent Mario Spiteri - Kwartieri Ġenerali




Bejn it-28 ta' Ottubru 2013 u l-1 ta' Novembru 2013, kelli esperjenza kemmxejn unika fis-sens li flimkien ma' uffiċjal tal-Pulizija mir-Repubblika Ċeka, tajt sensiela ta' '*lectures*' f'kors lill-ħamsa u għoxrin uffiċjal għoli Ċiniż fuq '*Community Policing Management*' fl-Akkademja tal-Pulizija ta' Wuhan, iċ-Ċina. Dan it-taħriġ sar taħt l-awspiċi tal-'*EU-China Police Training Project*' bl-għajnuna tas-CIVIPOL fi Franza.

L-ippjanar tal-kors sar fuq bażi ta' '*training needs analysis*' imħejji apposta għall-uffiċjali Ċiniżi u kienet biċċa xogħol ftit iebsa, minħabba d-distanza bejnietna, sabiex flimkien mal-kollega mir-Repubblika Ċeka, ikkordinajna l-preżentazzjonijiet kollha u qsamna x-xogħol li kellna nagħmlu għal dan il-kors.

Il-preżentazzjonijiet li għamilna fuq medda ta' ħames t'ijiem kienu jinkludu:



- '*Brainstorming session*' ta' xi tfisser '*community policing*';
- '*Community policing*' f'Malta u fir-Repubblika Ċeka;
- Id-differenza bejn '*traditional policing*' u '*professional*' jew '*community policing*';
- Żviluppi fl-UE dwar '*community policing*' (studju komparattiv bejn l-Ingilterra u Franza);
- '*Partnership building*';
- L-irwol tal-komunita' fil-'*community policing*';
- Il-'*Crime Triangle*';
- Il-mudell SARA ta' '*problem-solving*' ;
- Il-valutazzjoni tal-prestazzjoni tal-Pulizija mill-komunita'.

L-organizzazzjoni tal-kors kien wieħed professjonali ħafna peress li l-korsijiet mogħtija mill-Unjoni Ewropeja lill-Pulizija Ċiniża jingħataw attenzjoni speċjali minn Beijing. Kemm il-klassi li għallimna fiha kif ukoll l-implimentazzjonijiet ta' tagħlim li ġew ipprovduti kienu tal-livell '*state of the art*'. Is-servizzi ta' traduzzjoni mill-Ingliż għall-Mandarin u viċi-versa kien wieħed tajjeb ukoll. Wieħed ma jistax ma jfaħħarx is-servizz eċċellenti li taw il-pulizija Ċiniżi lilna kemm bħala ospitalita' kif ukoll bħala servizzi oħra '*extra*' kurrikulari.

Matul il-perjodu ta' taħriġ, il-parteċipanti ngħataw mhux biss taħriġ tradizzjonali iżda wkoll taħriġ interattiv bħal '*workshops*' u '*group work*'. Kien hemm ukoll sessjonijiet prattiċi (organizzati mill-Akkademja stess) f'żewġ distretti 'mudell' tal-'*community policing*' li jeżistu f'Wuhan. Dawn huma d-distretti ta' Baibuting u Changoing.

Il-'*feedback*' sottomess mill-'*workshops*' kien wieħed pożittiv ħafna. Bla dubbju ta' xejn, it-tikketta ta' '*community policing*' hija użata espliċitment f'dan il-pajjiż. Bħala kunċett importat, il-'*community policing*' fiċ-Ċina hu ntiż sabiex jipprovdi soluzzjonijiet għall-kriminalità u d-disturb soċjali li jista' jseħħ minn żmien għal żmien. Nistgħu ngħidu



minn dak li esperjenzajna, li f'dan il-pajjiż ġgantesk, il-'*community policing*' m'huwa xejn aktar ħlief kif jgħidu: "inbid qadim fi fliexken ġodda". Dan il-għaliex din ir-rutina ta' xogħol ilha tit-wettaq mill-Pulizija Ċiniża għal bosta deċenni. Uħud mill-metodi użati, jikkonformaw bil-kbir ma' dawk fil-Punent. M'hemmx dub-bju li fl-implimentazzjoni tal-'*community policing*', għad hemm miżuri mfassla u mibnija fuq pedamenti ideoloġiċi tal-passat fos-thom it-tradizzjonijiet ta' kif il-massa għandha tiġi amministrata u s-sistema ta' klassifikazzjoni u r-reġistrazzjoni tal-persuni fid-djar mill-Pulizija. Jidher li l-pakkett ġdid li qed jiġi użat illum ta' '*community policing*' ma jbiddilx ħafna n-natura tal-pulizija tal-passat u dan il-għaliex għadu jintuża l-istess lingwaġġ u ġew adottati metodi simili għal dawk ta' snin ilu.

Ir-riżultat mill-'*workgroups*' uriena wkoll biċ-ċar li fiċ-Ċina, il-'*community policing*' ltaqgħa ma' problemi simili għal dawk tal-Punent. Madankollu, il-mod kif il-Pulizija jirnexxhielha tagħmel dan it-tip ta' xogħol fil-komunità, u minn dak li aħna esperjenza f'din iż-żjara qasira f'Wuhan, dan ħalla fuqi mpatt tabilħaqq im-pressjonanti.

Wara din l-esperjenza pożittiva tiegħi, nixtieq nieħu din l-oppor-tunità biex nirringrazzja 'l-Korp u lis-CIVIPOL kif ukoll l-organiz-zaturi ta' dan il-kors li għamluha possibbli għalija li nattendi u nipparteċipa f'dan it-taħriġ. Kelma ta' ringrazzjament tmur ukoll għas-Sur Ruud Beugeling, *Chef de Mision* tal-'*EU-China Police Training Project*' li personalment ġie minn Beijing biex jiltaqa' miegħi f'Wuhan ħalli jara li ż-żjara tiegħi hemmhekk tkun waħda pjaċevoli u komda kemm jista' jkun.

mario.a.spiteri@gov.mt






# Jinħatru 47 Surġent ġdid kif ukoll jiġu kkonfermati 31 Spettur

minn WPC 280 Louise Camilleri - CMRU

Nhar id-29 ta' Settembru, 2013, li jiġi Jum il-festa tal-Arkanġlu San Mikiel, il-Qaddis Protettur tal-Pulizija, saret quddiesa ġewwa l-Kappella tal-Pulizija fil-Kwartieri Ġenerali. F'din l-okkażjoni saret ċeremonja ta' ħatra ta' 47 Surġent ġdid kif ukoll ta' 31 Spettur li ġew ikkonfermati fir-rank tagħhom

Is-47 Surġenti ġodda huma:

- PS1282 Dino Farrugia;
- PS 463 Christopher Ellul;
- PS 1540 Edmond Fenech;
- WPS 175 Vanessa Azzopardi;
- WPS 263 Gaynor Gambin;
- PS 591 Jeandre Grixti;
- PS 1020 Patrick Magri;
- WPS 245 Christina Delia;
- WPS 273 Karen Cassar;
- WPS 238 Monica Bartolo;
- PS 393 Sean Chetcuti;
- PS 279 Kevin Gauci;
- WPS 299 Roxanne Tabone;
- WPS 244 Oriella Degabriele;
- WPS 274 Francesca Quattromani;
- PS 637 Kevin Manicolo;
- PS 385 Emanuel Dalli;
- PS 590 Ian Grima;
- PS 836 Joseph Vella;
- PS 1382 Mark Galea;
- WPS 96 Rodienne Bartolo;
- PS 9 Christopher Paul Abela;
- PS 596 Christopher Long;
- PS 476 Shawn Friggieri;
- WPS 269 Miriam Lia;
- WPS 69 Lindsay Garrett;
- PS 1433 James Saliba;
- WPS 312 Beverly Farrugia;
- WPS 124 Charlene Bugeja;
- WPS 268 Zvetlana Mercieca;
- PS 491 Matthew Galea;
- PS 816 Shawn Vassallo;
- PS 1284 Ian Caruana;
- WPS 50 Oriana Spiteri;
- PS 691 Juan Mula Debono;
- PS 340 Leeroy Balzan Engerer;
- PS 286 Thomas Attard;
- PS 1349 Rainier Agius;
- WPS 300 Denise Vella;
- PS 364 David Borg;
- PS 196 Dion Agius;
- PS 362 Wayne Borg;
- WPS 313 Christine Bonnici;
- WPS 301 Loren Vella;
- WPS 306 Claire Borg;
- PS 135 Joseph Buhagiar;
- PS 1482 Bjorn Schembri.

L-Ispetturi li ngħataw it-tieni *pip* u li kienu għadhom taħt *probation*, għadhom kif temmew b'suċċess, kors l-Universita` ta' Malta li wassal għal diploma fil-*policing*. Huma kienu ġew appuntati spetturi nhar is-27 ta' Settembru 2011.

Fl-istess okkażjoni, 5 ex-membri tal-Korp tal-Pulizija li għadhom kemm irtiraw wara 25 sena servizz jew aktar, ingħataw tifikira tas-servizz li huma taw lill-Korp.

F'din l-okkażjoni kien hemm preżenti l-Ministru tal-Intern u s-Sigurta` Nazzjonali, l-Onor. Emanuel Mallia, il-Kummissarju tal-Pulizija, is-Sur Peter Paul Zammit, ic-*Chief of Staff* Silvio Scerri u uffiċjali oħra tal-Korp.

Wara ċ-ċeremonja sar riċeviment żgħir għal dawk kollha preżenti.

Filwaqt li nifirħu lill-kollegi tagħna għal din il-ħatra, nawgurawlhom kull suċċess tul il-karriera tagħhom.

louise.b.camilleri@gov.mt



L-Ispetturi li ġew ikkonfermati



Is-Surġenti l-ġodda

# Niltaqgħu ma’ Robert Cauchi

## Kollezzjonist ta' mudelli tal-Vetturi tal-Pulizija

minn WPS 96 Rodienne Bartolo - CMRU

Lil Robert Cauchi sirt nafu lejn l-aħħar ta’ Lulju li għadda, meta kien bagħtilna messaġġ fuq il-paġna uffiċjali tal-*Facebook* tal-Korp (dak iż-żmien fil-fażi inizjali). Il-messaġġ kien jikkonsisti f’ritratt ta’ mutur tas-sezzjoni tat-Traffiku u ta’ vettura li tintuża mill-Iskwadra tal-ALE (*Administrative Law Enforcement*). Nistqarr li mal-ewwel daqqa t’għajn ħsibthom ritratti ta’ vetturi li nużaw aħna l-Pulizija ta’ kuljum waqt il-ħin tax-xogħol. Domt ftit sakemm irrealizzajt li dawn kienu mudelli, identiċi għall-vetturi tal-Korp tal-Pulizija, li iżda huma tant żgħar li joqogħdu fuq il-pala ta’ idejk!



L-ideja għoġbitni u lis-Sur Cauchi tlabtu jibgħatilna iżjed ritratti, kif ukoll li jagħtina intervista. Huwa laqa’ t-talba mill-ewwel u stedinna mmorru fid-dar tiegħu, fejn ġo kamra ddedikata apposta għal kollezzjoni tiegħu, huwa għandu numru kbir ta’ mudelli tal-vetturi tal-Pulizija kollha ppustjati f’ringieli b’reqqa kbira.



Mill-ftit stħarriġ li għamilt qabel din l-intervista, sirt naf li s-Sur Cauchi qatt ma kien membru tal-Korp tal-Pulizija. Fil-fatt l-ewwel mistoqsija dwar minn fejn ġiet din il-ħajra u l-interess lejn il-vetturi tal-Korp, ġiet naturali. Is-Sur Cauchi jgħidilna li n-nannu tiegħu kien Pulizija u li missieru kien iġemma' l-mudelli żgħar taċ-ċomb, fejn fost l-oħrajn uriena sett tal-Kavallerija magħmul mill-istess mudelli, u li hu ferm kburi bih. Fil-fatt jgħidilna li mill-kollezzjoni kollha tiegħu, is-sett tal-Kavallerija jibqa’ l-iżjed għal qalbu.









Jissokta jgħidilna li l-vetturi tal-Pulizija minn dejjem kienu għal qalbu, fejn għandu vetturi tista' tgħid mid-dinja kollha, fosthom mill-Ingilterra, Spanja, il-Ġermanja, ir-Russja u saħansitra għandu sett karozzi tal-Pulizija ta' Honolulu! Kien wara li l-kollezzjoni kibret mhux ħażin, li ġietu l-ideja li jagħmel sett tal-vetturi tal-Pulizija ta' Malta. Ta' min jgħid li għal kontra tal-vetturi l-oħra, dawn ma jiġux lesti, iżda s-Sur Cauchi jixtri mudell *plain*, jixkatlah, jiżbgħu, jagħmillu l-*istickers* u jalterah skont il-ħtieġa sabiex dan jiġi jixbaħ perfettament il-vettura oriġinali. Qalilna li riċentament qed jagħmel esperimenti sabiex iżid aċċessorju ġdid fuq il-vetturi - il-*beacon light*. Il-vetturi qed ikunu mgħammra bid-dawl sabiex dawn jiġu jixbħu dejjem iżjed lill-vettura oriġinali.




Staqsejnih dwar xi proġetti li għandu f'moħħu għal futur, fejn is-Sur Cauchi tana lista mhux ħażin, fosthom il-vettura li tintuża fil-preżent għal *patrols* mill-RIU (*Rapid Intervention Unit*), peress li din hija skawdra relattivament ġdida.

Għal dawk li għoġbuhom ir-ritratti u qed isaqsu f'qalbhom jekk dawn il-mudelli humiex għal bejgħ, sfortunatament se niddiżappuntawhom. Ir-risposta tas-Sur Cauchi kienet żgur li le. Fl-opinjoni tiegħu jekk jagħmel hekk, ikun qed jitlef mill-iskop ewlieni tad-delizzju tiegħu!



Minn hawn nixtieq nirringrazzja lil PC 890 Kevin Mallia, li akkumpanjani għal din l-intervista u ħa r-ritratti li qegħdin jidhru ma' dan l-artiklu u fl-aħħar u mhux l-inqas, grazzi lis-Sur Cauchi tal-ħin u l-informazzjoni li għoġbu jagħtina, sabiex għamilna din l-intervista miegħu.

rodienne.bartolo@gov.mt

# Kliem razzjali jew le?

mill-Ispettur Sandro Camilleri – Uffiċċju Legali

Riċentament kellna ftit turbulenza fil-pajjiż dovuta prinċiparjament għal influss qawwi ta' immigranti rregolari li waslu Malta. Owjament il-Pulizija jiżdiedilna ammont kbir ta' xogħol li jiżdied max-xogħol kollu li għandna u dan joħloq stress kbir fl-operat u fuq l-istrutturi tagħna.



Dan il-fatt ħoloq ukoll ħafna tensjoni u diskussjoni fl-opinjoni pubblika wkoll, u fil-fatt ħafna nies bdew jesprimu ruħhom b'tonalitajiet differenti fis-soċjeta`.

Rajna ammont kbir ta' nies li bdew jiktbu fuq is-siti soċjali bħal "*Facebook*" kif ukoll f'siti oħra, kif ukoll telefonati fuq programmi fuq ir-radju u fi programmi televiżivi.

Bħala Pulizija bdew jidħlulna ammont ta' rapporti u anki kwereli rigward kitbiet li bdew jidhru u ħafna minn dawn jgħaddu direttament għandi peress li fejn tidħol din il-materja, jiena l-uffiċjal appuntat mill-Kummissarju sabiex ninvestigahom.

Ħafna mill-ewwel jallegaw li qed jintuża kliem b'konotazzjonijiet razzjali u għalkemm ikun hemm każijiet fejn dak il-kliem jinkwadra u jammonta għal ksur ta' liġi, ħafna ma jinkwadrax.

L-Artikolu prinċipali li jikkonċerna din il-materja huwa l-artikolu 82A tal-Kodiċi Kriminali. Dan l-artikolu testwalment jgħid:

***82A (1) Kull min juża kliem jew imġieba ta' theddid, abbużivi jew insolenti, jew jesibixxi xi materjal miktub jew stampat li jkun ta' theddid, abbużiv jew insolenti, jew xort'oħra jġib ruħu b'dak il-mod, bil-ħsieb li b'hekk iqajjem vjolenza jew mibegħda kontra xi persuna oħra jew grupp ta' persuni fuq bażi ta' ġeneru, identità tal-ġeneru, orjentazzjoni sesswali, razza, kulur, lingwa, oriġini etnika, reliġjon jew twemmin jew opinjoni politika jew opinjoni oħra jew b'hekk joħloq il-probabbiltà li, meta wieħed iqis iċ-ċirkostanzi kollha, titqajjem vjolenza jew mibegħda razzjali, jeħel, meta jinsab ħati, l-piena ta' priġunerija minn sitt xhur sa tmintax-il xahar.***

***(2) Għall-finijiet tas-subartikolu qabel dan "vjolenza jew mibegħda" tfisser vjolenza jew mibegħda kontra persuna jew grupp ta' persuni f'Malta definiti b'referenza għall-ġeneru, identità tal-ġeneru, orjentazzjoni sesswali, razza, kulur, lingwa, oriġini etnika, reliġjon jew twemmin jew opinjoni politika jew opinjoni oħra.***

Dan l-artikolu jitratta speċifikament fuq tixwix għal mibgħeda razzjali. Fil-fatt l-element prinċipali u intenzjonali jrid ikun sabiex '***iqajjem vjolenza jew mibegħda***'.

F'dan il-kuntest wieħed għandu jħares ukoll lejn l-artikolu 6 tal-Att dwar l-Istampa li jgħid:

***6. Kull min, b'xi mezz imsemmi fl-artikolu 3, jhedded, jinsulta, jew jesponi għal mibegħda, persekuzzjoni jew disprezz, lil xi persuna jew grupp ta' persuni minħabba l-ġeneru, l-identità tal-ġeneru, l-orjentazzjoni sesswali, ir-razza, il-kulur, il-lingwa, l-oriġini etnika, reliġjon jew twemmin jew opinjoni politika jew opinjoni oħra, diżabilità kif definita fl-artikolu 2 tal-Att dwar l-Opportunitajiet Indaqs għal Persuni b'Diżabilità jeħel meta jinsab ħati priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn tliet xhur u multa.***

Ħafna jallegaw u jinvokaw id-dritt fundamentali tal-liberta' tal-espressjoni u għaldaqstant jippretendu li jistgħu jiktbu jew jgħidu li jridu. Owjament dan għalkemm huwa dritt fundamentali m'huwiex wieħed assolut u għaldaqstant tali kitba tista' tammonta għall-illegalita` u owjament tkun sanzjonabbli.

Mill-banda l-oħra, kliem ta' natura satirika kif ukoll opinjonijiet varji qegħdin jippruvaw jinkwadrawhom taħt l-artikolu msemmi preċedentament, meta fil-fatt ma jkunx jinkwadra.

Importanti u relevanti ħafna huwa dak li joħroġ mis-sentenza mogħtija mil-Maġistrat Giovanni Grixti fil-kawża – Il-Pulizija vs Paul Salomone. F'din il-kawża fl-2006, il-Pulizija pproċediet il-Qorti wara diskors li seħħ waqt *meeting* pubbliku ġewwa l-Belt Valletta. Fost id-diskors li ġie meqjus mill-prosekuzzjoni li jmur kontra dak rawwiżat fl-artikolu 6 tal-Att tal-Istampa, Kapitolu 248 tal-Liġijiet ta' Malta, jiġifieri diskors ta' theddid, abbużiv jew insolenti jew li aġixxa b'mod li bih setgħet titqajjem mibgħeda razzjali kien intqal dan id-diskors:

*"l-immigranti llegali, dawk li jiġu bil-baħar u bil-visa, jieħdu x-xogħol lill-Maltin u jieklu u jorqdu għas-skapitu tal-poplu Malti, dak li qed jiġri f'pajjiżna".*

*"u bdejt narahom Indjani, Għarab, Jugoslavi, Afrikani. Fl-aħħar għadda Malti u ndunajt li kien Malti għax lumenu dan qalli 'bonġu', l-oħrajn baqgħu għaddejjin b'rashom baxxuta".*

*"proġett li suppost kien tal-Maltin spiċċa proġett tal-barranin, proġett li suppost kellu joħloq ix-xogħol għall-Maltin spiċċa biex ħoloq ix-xogħol għall-barranin, dak li ġara l-aħwa, u magħhom ovvjament irridu nżidu lill-immigranti illegali".*

*"kif tista' ma tħoss xejn meta tara lis-suldati u l-pulizija tagħna saru babysitters ta' dawn il-klandestini, lanqas ħajja normali m'għad baqgħalhom. Konna poplu ħieles u spiċċajna sefturi tal-Ewropa, tal-immigranti llegali u tal-politikanti li biegħawna, hekk spiċċajna".*

*"jew trabbu s-sinsla u tiddefendu dak kollu li hu tagħkom, dak kollu li għalih ċarċru demmhom missirijietna u dak kollu li għadna rridu nnisslu lill-uliedna u lil ulied uliedna nkella ibqgħu hekk mifrudin u kunu kuntenti sefturi tal-Ewropa Komunista u tal-immigranti llegali".*

*"għadna kull dritt li niddiskriminaw kontra dawk li qed iħaddmu l-immigranti llegali basta li ma jħaddmux ħaddiem Malti".*

Fil-konsiderazzjonijiet tagħha, il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza tal-Qorti tal-Appell fil-kawża fl-ismijiet, Il-Pulizija vs Stephen Chetcuti u Simone Zammit Endrich (7.11.2003) u l-prinċipji hemm enunċjati:

*"Punt kardinali li jemerġi minn din is-sentenza huwa li l-intenzjoni tal-awtur f'kawżi bħal dak in dizamina mhix meħtieġa li tkun proprju li tagħmel dak ravviżat fl-akkuża odjerna għaliex ikun biżżejjed jekk id-diskors jista' jagħti lok għal dak it-theddid, abbuż jew mibgħeda razzjali".*

Il-Qorti ma kkunsidratx li dan id-diskors jista' jitqies bħala theddida jew azzjoni abbużiva fil-konfront ta' xi persuni u wisq anqas bħala waħda li tista' toħloq mibgħeda razzjali kontra persuni fid-diskors tal-imputat.

Għal dawk il-mottivi, ma sabitx lill-imputat ħati u lliberatu kompletament.

Din is-sentenza titfa` dawl fuq l-interpretazzjoni li wieħed għandu jagħti ta' ċertu diskorsi jekk jinkwadrawx taħt il-liġijiet li għandna rigwardanti din il-materja.

Ta` min isemmi ukoll li riċentament anki nkitbu xi diski li jitrattaw fuq l-immigranti rregolari u fil-fatt kellna diversi senjalazzjonijiet mill-pubbliku dwarhom speċjalment ta' waħda in partikolari. Fil-fatt wara li ġiet eżaminata bir-reqqa, joħroġ biċ-ċar li din hija waħda ta' natura satirika u ma tippossedix l-elementi ta' inċitament razzjali u l-ħsieb m'huwiex wieħed intiż sabiex iqajjem vjolenza jew mibgħeda razzjali.

Fir-rigward tas-siti soċjali prinċiparjament "*Facebook*", ta` min wieħed isemmi li aħna l-Pulizija nsibu ħafna diffikulta` kif ukoll speċi ta` ostaklu meta niġu biex ningħataw ċerti nformazzjoni minn barra minn Malta u f'dan il-każ mill-Istati Uniti. Id-dritt tal-liberta` tal-espressjoni f'dan il-pajjiż huwa vast ħafna u jiddifferixxi minn tagħna u fil-fatt ċertu kliem li għalina jista` jammonta għal illegalita`, f'pajjizhom ma jkunx, għaldaqstant ma jagħtuniex l-informazzjoni rikjesta.

Iżda f'dan il-kuntest kollu nixtieq insemmi kawża oħra li propjament inqatgħet illum li qed nikteb dan l-artikolu. F'din il-kawża jiena personali pproċedejt il-Qorti kontra żewġ persuni u akkużajthom talli waqt ikla ġewwa ristorant u allura post aċċessibli għall-pubbliku, intqal diskors li jammonta għal tixwix ta' mibgħeda razzjali kif ukoll dak id-diskors ittieħed fuq *video* u tpoġġa fuq l-*internet*.

Fil-fatt il-Maġistrat Carol Peralta sab lil dawn iż-żewġ imputati ħatja. Ma nistax ninċita testwalment il-motivazzjonijiet ta' din is-sentenza għax kif diġa' għidt, inqatgħet propjament dalgħodu li qed nikteb dan l-artikolu u ovvjament m'għandix f'idi kopja ta' din is-sentenza.

Sabiex nikkonkludi nixtieq ngħid li l-interpretazzjoni rigwardanti l-artikoli ċitati tvarja u kull każ irid jiġi eżaminat b'reqqa sabiex wieħed jara jinkwadrax u għaldaqstant jammontax għal ksur ta' liġi.

Importanti ukoll li nsemmi żewġ artikoli oħra fil-Kodiċi Kriminali li huwa anċillari u li jammontaw għal aggravju. Fil-fatt l-artikolu 82D jgħid: ***Kull min jgħin, jassisti jew iġiegħel li jsir xi reat taħt l-artikoli 82A sa 82Ċ, it-tnejn inklużi, ikun ħati ta' reat u jista' jeħel meta jinstab ħati l-piena stabbilita għal dak ir-reat li jkun għen, assista jew ġiegħel***.

Kif ukoll artikolu 83B li jaqa` preċiżament taħt titolu apparti u ċjoè: disposizzjoni ìenerali li tkun tapplika góal reati li jkunu razzjalment aggravati jew li jkunu motivati bi ksenofobija. Dan jistipula li:

***83B. Il-piena stabbilita dwar xi reat għandha tiżdied minn grad sa żewġ gradi meta r-reat ikun aggravat jew motivat, għal kollox jew b'mod parzjali b'mibegħda kontra persuna jew grupp ta' persuni, fuq bażi ta' ġeneru, identità tal-ġeneru, orjentazzjoni sesswali, razza, kulur, lingwa, oriġini etnika, reliġjon jew twemmin jew opinjoni politika jew opinjoni oħra fi ħdan it-tifsira mogħtija fis-subartikoli (3) sa (6), it-tnejn inklużi, tal-artikolu 222A***.

sandro.camilleri@gov.mt

# Ir-Relazzjonijiet Pubbliċi

*"ir-relazzjonijiet pubbliċi mhumiex limitati biss għar-relazzjoni tal-Korp mal-mezzi tax-xandir imma anki direttament mal-pubbliku"*

minn PC 256 Kurt Bugeja Coster - CMRU

Frażi fuq fomm kulħadd dan l-aħħar hija "r-relazzjonijiet pubbliċi", qasam li qiegħed kontinwament jevolvi fi ħdan Korp tal-Pulizija li hu mdorri jħaddem metodi pjutost tradizzjonali.

Hawnhekk, qiegħed nirreferi għall-isforzi li qegħdin isiru biex titjieb id-dehra tal-Korp f'għajnejn il-poplu li naqdu billi nisfruttaw kull mezz ta' xandir li jitpoġġa għad-dispożizzjoni tagħna.



Xempju ta' dan kien propju filmat promozzjonali miġbud minn żewġ kuntistabbli, PC 809 Kevin Mallia u PC 1538 Ray Mizzi. Il-filmat, li tnieda nhar Jum il-Festa ta' San Mikiel u li rawh kważi ħamsin elf ruħ fl-ewwel ġurnata, jagħti ħarsa lejn ġurnata tipika t'uffiċjal tal-pulizija b'enfasi fuq l-emozzjoni.

Dan il-filmat, li huwa biss l-ewwel minn sensiela, ixxandar fuq mezz ieħor li kien sfruttat b'suċċess mill-Korp, il-paġna fuq *Facebook*. Dan tnieda nhar Jum il-Pulizija u, minn dakinhar, kiseb popolarità kbira. Fil-fatt, dan is-sit soċjali qiegħed iservi bħala mezz t'interazzjoni diretta mal-pubbliku. B'hekk, filwaqt li nżommu n-nies aġġornati b'dak li jseħħ, huma jistgħu jwieġbu bil-kummenti u s-suġġerimenti tagħhom.

Saru numru ta' tibdiliet ukoll fir-relazzjonijiet tagħna mal-istampa, żdiedet l-informazzjoni li tingħata fi stqarrijiet, konferenzi u issa anki fuq ix-xena ta' reati biex, b'hekk, dejjem nersqu aktar lejn it-trasparenza biex aktar nuru x'qegħdin nagħmlu u nnaqqsu l-ispekulazzjoni.

Iżda għalkemm dan kollu huwa x-xogħol siewi tat-Taqsima tar-Relazzjonijiet mal-Komunità u l-Istampa, ir-relazzjonijiet pubbliċi ma jistgħux ikunu limitati għal dan id-dipartiment biss.

L-ewwel u qabel kollox għandna nifhmu xi tfisser il-frażi. Kif insinwajt qabel, ir-relazzjonijiet pubbliċi mhumiex limitati biss għar-relazzjoni tal-Korp mal-mezzi tax-xandir imma anki direttament mal-pubbliku. Għalhekk, tirreferi wkoll għall-interazzjoni ta' kull wieħed u waħda minna maċ-ċittadini, li jinvolvi lista twila t'oqsma, fosthom is-servizz li nagħtu, l-aġir tagħna, kif ukoll l-apparenza.

Kulħadd jaf x'servizz għandu jingħata allura għalfejn ma jagħtihx? U għalfejn naġixxu b'mod li ma nixtiequx lil ħaddieħor jaġixxi bih magħna? Xhud ta' dan, fil-fatt, huwa l-aġir tagħna stess meta nagħmlu rapport f'isimna. Kemm ninsistu ma' sħabna biex l-affarijiet isiru kif suppost. Għaliex? Għax nafu li ma jsirux sew.

Ħaġ'oħra t'importanza fir-relazzjonijiet pubbliċi hija l-apparenza, għax, kif jgħidu, l-ewwel li ma tiekol hija l-għajn. Għalfejn tgħaddu l-kummenti fuq id-dehra tal-kollegi tagħkom? Imbagħad tagħmlu bħalhom? Dawn huma mistoqsijiet li wieħed għandu jsaqsi meta jħares quddiem il-mera qabel ma jitlaq għax-xogħol għax jekk aħna nitkellmu hekk fuq xulxin, aħseb u ara fuq il-pubbliku.

Iżda ma nħarsux biss lejn il-ħażin biex it-tajjeb ma jonqosx. Nistgħu niftaħru b'ħafna uffiċjali tal-pulizija li huma eżemplari. U xi wħud ta' dan huma l-ittri t'apprezzament li jiġu ppublikati f'din ir-rivista.

U li kieku kulħadd jieħu spunt minn dan l-artiklu jew, tal-anqas, minn dawk il-kollegi eżemplari u jieħu interess jirriklama l-Korp f'dawl pożittiv, għax, wara kollox, dak huwa l-għan tar-relazzjonijiet pubbliċi, dejjem, madankollu, mhux b'mod qarrieqi, niksbu ħafna aktar rispett u apprezzament mill-pubbliku.

U huwa ta' xejn li tixxandar informazzjoni, ritratti u filmati jekk ħa nibqgħu naraw, nisimgħu jew naqraw kritika fuq il-kollegi tagħna. It-tajjeb, ikun xi jkun, jintnesa` meta jasal il-ħażin.

kurt.bugeja-coster@gov.mt

Mill-Ispettur Saviour Baldacchino - DIK






# Mixja għal kawża ġusta

minn WPC 25 Charlene Cilia - CMRU



Fil-ġurnata tal-Ħadd, nhar it-13 ta' Ottubru 2013, ġiet organizzata mixja bi skop li tqajjem kuxjenza rigward il-kanċer tas-sider. Il-Korp ipparteċipa f'din l-attivita' grazzi għall-inizjattiva tas-Supretendent Alexandra Mamo. Għal din il-mixja attendew numru konsiderevoli ta' Pulizija kif ukoll nies pajżana, fejn kollox beda fl-għaxra ta' filgħodu minn Tignè Point, f' tas-Sliema u spiċċa f'nofsinhar, fi pjazza San Ġorġ, il-Belt Valletta.



Is-somma miġbura kienet ta' 500 mitt ewro u ġiet ippreżentata mis-Supretendent Mamo f'isem il-Korp tal-Pulizija mal-wasla tagħhom fi Pjazza San Ġorġ. Minkejja li l-mixja kienet waħda twila mhux ħażin u t-temp kien xi ftit sħun, xorta waħda minn attenda ma qatax qalbu u baqa' sa l-aħħar jirsisti.

Is-sabiħ ta' dawn l-attivitajiet huwa li minbarra li jsiru għal għan ġust, iservu wkoll bħala ħarġa anki mal-familja.



Minn hawn nirringrazzjaw lis-Supretendent Mamo tal-inizjattivita u l-organizazzjoni għal din l-attivita'. Prosit tassew lill-kull minn attenda u prosit ikbar lill-dawk li minbarra li attendew, ħeġġew lil ħaddieħor sabiex jagħmel bħalhom.

charlene.camilleri@gov.mt





EUROPA DONNA Malta

www.europadonnamalta.org.mt

Supt Mamo
111,Palazzo Verdelin
Archbishop Street
Valletta VLT 2000
16th October 2013

Dear Supt Mamo

On behalf of Europa Donna Malta (Breast Care Support Group ) I would like to thank you and your officers for the support you gave us during the silhouette walk held on Breast Health Day last Sunday 13th October.

We also like to thank you for the generous donation of € 500 collected from your team.

We look forward to organise more Awareness Events about breast cancer, to encourage women and girls to be Breast Aware.

Thank you

Sincerely

Gertrude Abela

President

P.O. Box 24, Balzan - BZN 1000, MALTA
Tel: +356 2148 2602, 2141 4849 • Mob: +356 9999 4696
E.mail: info@europadonnamalta.org.mt

# Seminar b'tagħlim utli għall-membri tas-Sezzjoni tal-Klieb

minn PS 1182 Christopher Formosa - Sezzjoni tal-Klieb

*Merħba ħbieb,*
Nilqagħkom għal darb'oħra f'din ir-rokna ddedikata lis-Sezzjoni tal-Klieb tal-Pulizija. Fl-aħħar edizzjoni l-kollega tagħna, Ps41, tkellem fuq il-klieb li jintużaw fix-xogħol tal-protezzjoni iżda din id-darba flok ser nitkellmu fuq il-metodi differenti tat-taħriġ li toffri s-sezzjoni tagħna, ser nitkellmu fuq 'seminar' li ġie pprovdut lilna permezz tal-'Royal Canine Malta'.

L-għan ta' dan is-seminar kien li jiġu diskussi diversi temi fil-konfront tal-klieb li jintużaw kemm fid-Dipartiment tal-Pulizija u wkoll f'korpi oħra differenti. Għaldaqstant, appart d-dipartiment tagħna, kien hemm ukoll preżenti numru ta' nies mid-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili, mill-Faċilita` Korrettiva ta' Kordin u saħansitra minn entitajiet privati. Dan is-'seminar' ġie ndirizzat minn Dr Grandjean li huwa Professur fl-iskola veterinarja ta' Alfort ġewwa Franza. Ta' min jgħid wkoll li Dr. Grandjean huwa l-kap tad-Dipartiment tax-Xjenza fi ħdan il-mediċina sportiva u tat-trobbija tal-klieb.

Dan is-'seminar' kien maqsum f'erba' partijiet ewlenin li huma:
1 . is-sistema tax-xamm;
2 . is-Selezzjoni ġenetika;
3. in-Nutrizzjoni u taħriġ fiżiku; u
4. is-Spjegazzjoni bażika fuq l-amministrazzjoni ta' l-ewwel għajnuna

Dr Grandjean beda dan is-seminar billi ta spjegazzjoni ġenerali dwar kif taħdem is-sistema tax-xamm u ta' kif inhi komposta l-anatomija tagħha. Huwa indika wkoll li l-prestazzjoni tax-xamm iżżomm bejn żewġ pilastri ewlenin li huma t-taħriġ fiżiku u nutrizzjoni adegwata .

Huwa saħaq ukoll dwar l-importanza tas-selezzjoni tal-klieb fejn spjega l-fatt li huwa aktar vijabli li tagħżel ir-rwol tal-kelb skont il-karattru tiegħu milli tibdel l-imġieba naturali tiegħu sabiex jissodisfa dak il-kompitu.







Fl-aħħar nett huwa żied jgħid li l-fiduċja hi l-aktar fattur importanti sabiex dan it-taħriġ ikun ta' suċċess. Dan għaliex kemm il-"handler" u l-kelb tiegħu / tagħha jeħtieġ li jkun tim sabiex tinbena l-fiduċja f'xulxin peress li dan itejjeb l-abbiltà tax-xogħol tal-kelb.

Fejn tidħol in-nutrizzjoni u t-taħriġ fiżiku, Dr Grandjean qal li sabiex wieħed jieħu l-aħjar prestazzjoni dawn iridu jimxu id f'id għaliex flimkien dawn isaħħu l-iżvilupp u l-motivazzjoni tal-kelb fejn din tal-aħħar hija l-muftiħ għat-tagħlim.

Fl-aħħar iżda mhux l-inqas, Dr Grandjean tkellem fuq l-importanza tal-Ewwel Għajnuna fejn fost l-oħrajn saħaq fuq is-sigurta` kemm tal-kelb ferut u anke ta' dik il-persuna li tkun qed tamministra l-Ewwel Għajnuna. Fost l-affarjiet li tkellem dwarhom kien hemm:

- il-feriti;
- l-intossikazzjoni;
- it-tip ta' ksur tal-għadam;
- l-istress; u
- it-tensjoni tal-istonku (stomach torsion)

Fl-aħħar nett, nixtieq nikkonkludi billi ngħid li dan kien 'seminar' interessanti u utli ħafna b'mod speċjali fejn jidħol ix-xogħol tal-Pulizija. Dan għaliex permezz tiegħu, wieħed seta' jifhem aħjar kif jista' jtejjeb il-prestazzjoni tal-kelb permezz ta' nutrizzjoni tajba u permezz ta' diversi eżerċizzji fiżiċi. Apparti minn hekk, wieħed seta` wkoll jara minn kif inhi komposta l-anatomija ta' mnieħer il-kelb u kif il-kapaċita` tax-xamm tista` tiġi affettwata minn bosta fatturi differenti li niltaqgħu magħhom kuljum.

christopher.a.formosa@gov.mt

# Paġna għat-Tfal

Luke Vella
8 Snin




Dawk il-membri tal-Korp li għandhom it-tfal u jixtiequ jagħtu s-sehem tagħhom f'din il-paġna, permezz ta' kitba jew tpinġija relatata mal-Korp tal-Pulizija, jistgħu jagħmlu dan billi jagħmlu kuntatt mal-Bord Editorjali fuq magazine.police@gov.mt

# Is-Serqa tal-pagi tat-Tarzna - It-tielet parti

minn Eddie Attard

**Ix-xhieda ta' Ġanni Buttiġieġ:**

Fil-Qorti kulħadd kien qed jistenna x-xhieda ta' Ġanni Buttiġieġ, dak li ngħata l-proklama, u qabel beda jixhed il-prosekutur qara l-mandat tal-Gvernatur ta' Malta li bih Buttiġieġ ingħata din l-immunità. Ix-xhud beda biex qal li xi tliet xhur qabel il-każ huwa kien iltaqa' mal-akkużati Cassar, Fenech, u Cardona ħdejn l-Għammieri biex jifthiemu dwar is-serqa. Buttiġieġ qal li wara kienet saret laqgħa oħra l-Marsa u oħrajn il-Ħamrun u Ħaż-Żebbuġ. Fl-ewwel waħda kien issemmà li s-sewwieq tat-trakk tan-Navy kien se jkun l-akkużat Gambin. Dwar x'kienu se jagħmlu bil-flus wara s-serqa, ix-xhud qal li skont il-pjan dawn kellhom imorru fir-razzett tal-akkużat Salvu Fenech fil-limiti ta' Ħaż-Żebbuġ u li, flimkien ma' Cassar, hu kellu jmur għall-karozza għand Lippu Tanti f'Ħal Luqa. L-armi kellu jieħu ħsiebhom Cardona li ġarrhom fil-karozza tiegħu sal-Blata l-Bajda, kompla qal Buttiġieġ, u li dawn wara tpoġġew fil-karozza li fiha kienu qed jistennew it-trakk. Ix-xhud qal li wara, Cardona baqa' sejjer il-Belt biex meta t-trakk ikun telaq minn ħdejn il-bank imur javżahom. Ix-xhud kompla qal li dan kollu sar skont kif kien ippjanat u kif Cardona wasal il-Blata l-Bajda, riekeb fil-karozza tagħhom. Dwar it-tabella li kellha titpoġġa biex jitwaqqaf it-traffiku, Buttiġieġ qal li din kellu jieħu ħsiebha Ġużeppi Cachia u x-xhud kompla qal li l-flus misruqa kellhom jinqasmu bejnu u bejn il-ħames akkużati. Ftehim ieħor li kien sar qabel is-serqa, qal Buttiġieġ, kien li jiġri x'jiġri wara s-serqa, ħadd minnhom ma kellu jitkellem u ma jikxfux lil xulxin.

F'aktar xhieda Buttiġieġ qal kif hu u Ġeraldu Cassar kienu marru Ħal Luqa għall-karozza u ma sabux iċ-ċavetta biex iħaddmuha. Issemmà wkoll l-inċident li kien hemm bejn sid il-karozza, Lippu Tanti, u l-akkużat Cassar għaliex meta dan tal-aħħar talab iċ-ċavetta, Tanti qallu: 'Mela tridx tħalluha ħej?'

Skont din ix-xhieda, il-ħallelin telqu mill-Marsa, fejn qagħdu jistennew, għal ħabta tal-9.45 a.m. u l-karozza li saqha Cassar bix-xhud Buttiġieġ ipoġġi ħdejh. Fuq in-naħa ta' wara kien hemm Cardona u Fenech. Skont Buttiġieġ kien hawn li tqassmu l-armi u Cassar ħa revolver bi tliet balal, Salvu Fenech ħa l-machine gun, Cardona kellu revolver ukoll, u hu (Buttiġieġ) ħa revolver awtomatiku, imma mingħajr balal.

Buttiġieġ qal li matul it-triq lejn Raħal Ġdid huwa poġġa ċarruta ħadra ma' wiċċu, filwaqt li Fenech għamel maktur, Cardona għatta wiċċu b'gazzetta, u Cassar m'għamel xejn, imma kellu nuċċali tax-xemx skur. Ix-xhud qal li kien hu li qal lis-sewwieq tat-trakk 'Stop the car,' filwaqt li ippuntalu revolver. It-trakk waqaf minnufih u l-karozza tagħhom waqfet



Membri tal-Pulizija ħdejn il-bokka tal-bir fejn saret it-tfittxija għall-flus

quddiemu. Imbagħad, hu u Fenech ħarġu armati mill-karozza u marru għan-nies li kienu rikbin fin-naħa ta' wara tat-trakk, u qalulhom biex ma jiċċaqalqux. Meta wieħed minnhom ħareġ il-bajjunetta, raġel ieħor li kellu l-arma ippuntata lejh qallu: 'Put it down.' Fl-istess ħin, qal Buttiġieġ, Cassar u Cardona, b'revolver f'idejhom, marru għan-nies li kienu fuq quddiem tat-trakk u kif dawn niżlu kienu ordnati joqgħodu mal-oħrajn. Imbagħad Cassar tela' fit-trakk u t-tlieta l-oħra rikbu fuq in-naħa ta' wara.

Skont Buttiġieġ, ir-rotta li ħadu wara kienet l-ewwel għall-Pjazza ta' Raħal Ġdid, in-niżla taċ-ċimiterju ta' Marija Addolorata u minn hemm għal Ħaż-Żebbuġ, fejn ħallew il-flus. Ix-xhud stqarr li għal xi ħin baqa' għassa mal-flus, imma wara telaq lejn id-dar u miegħu ħa l-inċirata li kien liebes, par ingwanti sofor, ir-revolver u ċ-ċarruta ħadra li għamel ma' wiċċu waqt is-serqa. Dwar il-karozza li marru biha, ix-xhud qal li din tħalliet fil-post fejn twaqqaf it-trakk. Buttiġieġ semmà wkoll li meta aktar tard dakinhar kien raħ Fenech dan qallu: 'Kemm int raġel!' u hu wieġbu: 'Mela noqgħod hemm biex jaqbdu lili!'


L-akkużati waqt l-aċċess li sar waqt il-ġuri

biex qal li xi erbat ijiem wara s-serqa kienu marru l-Pulizija għandu u għamlu tfittxija fid-dar tiegħu. Wara li ħaduh quddiem is-Supretendent Calleja, dan staqsieh jekk kienx jaf lill-akkużati Cardona, lil Fenech, u lil Ġanni Buttiġieġ. Cachia kompla qal li s-Supretendent staqsieh ukoll meta kien mar l-aħħar Għajn Dwieli, u hu wieġeb li kien mar f'dan il-post il-Ħamis ta' qabel. Ix-xhud semmà wkoll li ftit wara Lippu Tanti kien daħal fl-uffiċċju tas-Supretendent u dan qal li dakinhar tas-serqa hu (Cachia) la kien il-Marsa u lanqas fir-razzett ta' Fenech, imma kien f'Għajn Dwieli. Cachia qal ukoll li xi ġranet wara li kien meħlus kien reġa' bagħat għalih is-Sur Calleja u staqsieh jekk kienx jaf xi ħaġa dwar is-serqa. It-tweġiba tiegħu kienet fin-negattiv u dwar dan għamel stqarrija bil-miktub lill-Pulizija.

Dwar dakinhar tas-serqa, Cachia qal li filgħodu kmieni kien telaq lejn il-Belt u billi kien ra lil Ġanni Buttiġieġ b'raincoat taħt driegħu ħaseb li s-serqa kellha ssir dakinhar. L-akkużat kompla qal li mill-Belt kien mar Bormla u wara li sar ftit tal-ħin mar Ħaż-Żebbuġ u għall-ħabta ta' nofsinhar l-akkużat Cardona (ħatnu) mar għandu d-dar, u qallu: 'Hemm kien kollox sew.' Intqal ukoll li s-Sibt kien iltaqa' ma' Fenech u dan kellmu dwar il-każ u qallu wkoll li min spara kien spara fl-ajru. Għall-mistoqsija li saritlu, l-akkużat qal li hu ma kienx qal lis-Supretendent Calleja li t-tabella kien ħadimha hu. Hawn sar konfront u fl-awla reġa' daħal is-Sur Calleja u dan stqarr li Cachia kien qallu li t-tabella kien ħadimha hu u ħadha miegħu, imma ma għamilhiex fejn kellu jagħmilha għax beża', għalhekk ramieha. Is-Sur Calleja kien diġà xehed dwar dan u kien qal ukoll li wara din l-istqarrija kien mar ifittex it-tabella u għalkemm kien dam erba' sigħat ifittixha baqa' ma sabhiex.

Wara din ix-xhieda twila ta' Buttiġieġ bdew isirulu l-mistoqsijiet mid-difiża tal-akkużati u Buttiġieġ ċaħad li kien hedded lil Karmnu Bezzina, dak li kien avviċinat biex jieħu sehem fis-serqa, illi jekk jitkellem itajjarlu rasu. Buttiġieġ ċaħad ukoll li kien hedded lil sid il-karozza li biha marru għas-serqa.

**Jixhed sid il-karozza użata fis-serqa:**
Lippu Tanti kien ukoll xhud tal-prosekuzzjoni. Dan qal li waqt laqgħa mal-akkużati f'Ħal Qormi l-akkużat Cassar kien staqsa min kien se jieħu ħsieb in-nar, u Cardona wieġbu li kellu kollox lest. Tanti qal li kien Cardona li talbu l-karozza u meta staqsieh għaliex l-ieħor wieġbu li ma kinitx biċċa tiegħu, imma li hu (Tanti) kien se jiekol ukoll. Tanti kompla qal li dakinhar tas-serqa kienu marru għandu għall-karozza Cassar u Buttiġieġ, u li hu ma kienx għamel rapport li l-karozza kienet insterqet għax kienu laħqu ġabruh il-pulizija tas-CID.

Fil-kontro-eżami Tanti ċaħad li kien hu li ppropona li ssir dik it-tabella tan-'No Entry' fit-triq, u li kien beża' javża lill-Pulizija dwar is-serqa għax kien mhedded. Ix-xhud temm jgħid li kien ta l-informazzjoni kollha lill-Pulizija wara li dawn żgurawh li kienu se jagħtu protezzjoni kemm lilu kif ukoll lill-membri tal-familja tiegħu.

Wara li xehed is-Supretendent Manwel Calleja u ta d-dettalji kollha dwar kif kien mexxa l-investigazzjonijiet. Ix-xhud qal ukoll li wara li nġabru dawk suspettati, kien biss Ġanni Buttiġieġ li ried jammetti kollox, imma dan talab għall-immunità. Ix-xhud kompla qal li meta l-oħrajn saru jafu li kienu nstabu l-biċċa l-kbira tal-flus, ammettew ukoll.

Aktar xhieda tal-prosekuzzjoni kienu dawk li kien hemm fit-trakk waqt is-serqa, imma peress li ż-żewġ baħrin li kienu skorta ma kinux Malta, il-prosekutur qara x-xhieda li kienu taw waqt il-kumpilazzjoni tax-xhieda.

**Ix-xhieda ta' wieħed mill-akkużati:**
Fost l-akkużati kien Cachia li ta x-xhieda tiegħu u dan beda

Wara dan is-smigħ kollu tax-xhieda tal-prosekuzzjoni, l-avukati difensuri għamlu d-difiża tagħhom u l-Qorti semgħet l-uniku xhud tad-difiża, Francis Pugliesevich, chargeman it-tarzna. Dan ix-xhud qal li kien ilu jaf lill-akkużat Gambin xi erba' snin u li sena qabel is-serqa Gambin kien allokat xogħol barra mit-Tarzna u għalhekk ma kienx ikollu xogħol li kellu x'jaqsam mal-kaxxiera tat-Tarzna.

**L-indirizz tal-Imħallef u l-kundanna:**
Fl-indirizz tiegħu lill-ġurati, l-Imħallef William Harding fisser li għalkemm f'dan il-ġuri kien hemm ħames akkużati mixlija f'att ta' akkuża waħda, madankollu l-ġurati kellhom iżommu l-provi separati għal kull wieħed mill-akkużati. Konsegwenza ta' dan, qal l-Imħallef, kull dikjarazzjoni li għamel kull akkużat tolqot, favur jew kontra, lil dak l-akkużat biss li jkun għamilha

u mhux lil oħrajn. L-Imħallef kompla qal li matul il-ġuri ssemmiet bosta drabi l-prova tal-konfessjoni, madankollu ma kienx dmir tal-ġurati li jaraw għaliex akkużat jagħmel konfessjoni, u li din tista' ssir għal ħafna raġunijiet. L-Imħallef fisser li wieħed jista' jaħseb li se jgawdi xi ħaġa b'dik il-konfessjoni u għalhekk il-ġurati ma kellhomx jaraw l-għala kienet saret. Punt ieħor legali li ssemmà mill-imħallef kien dak tad-twiddiba qabel persuna tkun interrogata mill-pulizija, jiġifieri li jkun infurmat li mhux obbligat li jwieġeb għad-domandi li jkunu se jagħmlulu l-Pulizija, u li dak li jgħid jista' jinġieb bħala xhieda kontrih. Dwar din it-twiddiba, l-Imħallef qal li ma kien hemm xejn fil-liġi Maltija li kienet tobbliga dan.

Hawnhekk irid jingħad li din kienet il-proċedura f'dak iż-żmien għax mill-1957, fuq direttiva tal-Kummissarju tal-Pulizija, persuna kellha dejjem tingħata dan l-avviż qabel tkun interrogata.

Wara li kompla tkellem dwar punti oħra tal-liġi l-Imħallef fisser l-att tal-akkuża li saret kontra kull akkużat u qal li fl-ewwel kap tal-akkuża ssemmà li Cassar, Fenech, u Cardona kienu ħadu sehem attiv fil-hold up. Issemmà wkoll li ma kienx hemm dubbju li Lippu Tanti kien ukoll kompliċi meta kien jaf għaliex kienu se jużaw il-karozza tiegħu. Dwar Bezzina, l-Imħallef qal li dan kellu każ differenti għax irriżulta li ma riedx jindaħal u l-vettura li kellu ma ntużatx fis-serqa. Dwar l-akkużat Cachia, l-Imħallef qal li l-prosekuzzjoni kienet qed tgħid li dan ħeġġeġ lill-oħrajn biex iwettqu s-serqa u għenhom għat-twettiq tagħha. Jekk tiġi ppruvata waħda minn dawn iż-żewġ ipotesi, qal l-Imħallef Harding, Cachia kien ħati ta' kompliċità.

Dwar l-akkużat Gambin l-Imħallef qal li dan kien mixli bħala kompliċi u l-prosekuzzjoni qalet li ssaħħaħ il-volontà tal-akkużati l-oħra għat-twettiq tas-serqa. Skont l-Imħallef, mid-dikjarazzjoni li għamel Gambin lill-Pulizija – jiġifieri li l-akkużat Cardona kien qallu li kellhom il-ħsieb jagħmlu s-serqa u dwar dan m'għarrafx lill-Pulizija – dan ma kienx reat u l-akkużat kien forsi naqas moralment meta m'għarrafx lill-Pulizija.

Fil-verdett tagħhom il-ġurati ma sabux lil Gambin ħati, u għalhekk inħeles. Cachia ngħata kundanna ta' għaxar snin ħabs, filwaqt li Cassar, Fenech, u Cardona ntbagħatu ħdax-il sena ħabs kull wieħed.

magazine.police@gov.mt

# Alessia tgħaqqad Sirakuża ma' Malta

minn PC 121 Josef Vassallo – membru MPSC

Is-sena li għaddiet ġewwa Sirakuża, tifla ta` 5 snin bl-isem ta' Alessia Bianca tilfet il-ġlieda tagħha kontra l-marda qerrieda tal-kanċer. Missier Alessia xtaq li ssir tifkira għal bintu u tfal oħra li għaddew mill-istess esperjenza, billi jiġi organizzat turnament tal-futbol għax dan kien l-isport favorit ta' Alessia.




Tifkira mingħand A.S. Siracusa Calcio ex Berretti

F'Awwissu ta' din is-sena, persuni minn Sirakuża avviċinaw kemm lill-Pulizija kif ukoll lill-Forzi Armati ta' Malta sabiex isiru xi partiti ta` ħbiberija ma` timijiet Sqallin għal dan il-għan nobbli u sabiex fl-istess waqt tikber il-ħbiberija bejn l-Isqallin u l-Maltin. Din l-istedina ntlaqat tajjeb mit-timijiet kollha u l-organizzaturi ħarġu bl-ideja li l-logħob isir nhar il-5 t'Ottubru 2013. Ġara li fid-data, il-Forzi Armati ta' Malta ma setgħux jieħdu sehem minħabba l-attivitajiet annwali tal-"Open Day" tagħhom.



Il-Parteċipanti kollha

Għalhekk, fil-ġurnata tal-5 t'Ottubru 2013, ġewwa l-faċilitajiet ta' De La Salle, il-Birgu, tnieda turnament trijangulari 9-a-side bejn dawn it-timijiet: il-Pulizija, il-Protezzjoni Ċivili u A.S. Siracusa Calcio ex Berretti, it-tim minn Sirakuża. Il-moħħ wara din l-attivita` ma kien ħadd ħlief is-Sur Salvatore Bianchini, Viġili Urbani di Stato.



It-Tim tal-Pulizija

Ir-riżultati tal-logħbiet kienu dawn li ġejjin:-

- Pulizija vs CPD.................................................... .2-0
- CPD vs A.S. Siracusa Calcio ex Berretti ..............2-4
- Pulizija vs A.S. Siracusa Calcio ex Berretti............0-1



CPD vs A.S. Siracusa Calcio ex Berretti

L-iskop ta' dan it-turnament ma kienx wieħed kompetitiv imma kif jingħad aktar qabel. Fil-fatt, it-trofej u l-midalji tal-komemmorazzjoni tqassmu lil kull tim ugwalment.



Pulizija vs A.S. Siracusa Calcio ex Berrett

Wara dan it-turnament, kellu jsir turnament ieħor lejn l-aħħar tax-xahar ta' Ottubru 2013 ukoll f'Malta iżda minħabba raġunijiet tax-xogħol, it-tim minn Sirakuża ma setax jattendi. Għaldaqstant kien deċiż li dan isir għall-aħħar tax-xahar ta' Novembru 2013.



Ċerimonja tal-għeluq

Huwa mistenni, li barra dan it-turnament, għal ħabta ta' Marzu 2014 jsir it-tielet turnament b'tifkira ta' Alessia Bianca imma din id-darba għandu jsir ġewwa Sirakuża. S'issa m'hemm xejn konkluż.

Minn hawn nixtieq nirringrazzja lill kull min ipparteċipa sabiex din l-attivita` tkun suċċess.

mpsc.police@gov.mt

# Tissaħħaħ il-Ġlieda Kontra l-Kriminalità Elettronika

minn PC 256 Kurt Bugeja Coster - CMRU




Min jaħseb li l-kapaċitajiet tal-Korp tal-Pulizija fil-ġlieda kontra l-kriminalità elettronika mhumiex adegwati huwa żbaljat għaliex minkejja n-nuqqasijiet tagħna, dan huwa qasam li nistgħu niftaħħru bih.

Dan ħareġ biċ-ċar waqt seminar organizzat bħala parti mill-program tal-Unjoni Ewropeja, *Euromed Police Three*. L-għan tiegħu hu li tissaħħaħ il-kooperazzjoni bejn l-istati membri u l-Alġerija, l-Eġittu, l-Iżrael, il-Ġordan, il-Libanu, il-Libja, il-Marokk, il-Palestina u t-Tuneżija.

Fil-fatt kienu diversi delegazzjonijiet li qalu li jħarsu lejn pajjiżna bħala eżempju pożittiv dwar kif il-pulizija tista` tagħmel użu tajjeb mit-teknoloġija biex tippreveni u tinvestiga reati ġodda.

Is-seminar, li seħħ bejn it-30 ta' Settembru u l-4 t'Ottubru, 2013, kien indirizzat minn esperti mit-Taqsima tas-*Cyber Crime* tal-Korp, it-Taqsima ta' Kontra r-Reati Ekonomiċi, l-Uffiċċju tal-Kummissarju tal-Protezzjoni tad-Data u l-Università ta' Malta, fost oħrajn.

"Iċ-ċokon ta' pajjiżna mhuwiex biżżejjed biex iħares lill-poplu minn vittimiżazzjoni fuq l-*internet*. Dan għaliex l-*internet* u l-użu tat-teknoloġija qiegħed jesponi lin-nies kemm għat-tajjeb, kif ukoll għall-ħażin tal-*internet*," qal l-Ispettur Timothy Zammit.

"Il-kollaborazzjoni ma' kollegi barranin involuti fil-ġlieda kontra din it-tip ta' kriminalità hija importanti ħafna peress li sikwit niġu bżonn ta' xulxin waqt l-investigazzjonjiet tagħna. Inizzjattivi bħal dawn jippermettulna nkabbru n-*network* ta' kollegi li nistgħu nirrikorru għandhom f'każ ta' bżonn kif ukoll naqsmu l-esperjenzi tagħna f'dan il-qasam. Taħriġ bħal dan jippermetti ukoll li, flimkien mal-kollegi internazzjonali tagħna, naslu għal *best practices* li jgħinnuna nwettqu xogħlna b'mod iktar effettiv".

Is-seminar infetaħ mill-Kummissarju tal-Pulizija Peter Paul Zammit, li, f'diskors, spjega kif il-Korp evolva minn forza kolonjali għal servizz ta' pajjiż indipendenti u sovran li hu lest jiffaċċja t-tibdil biex jiġġieled il-kriminalità moderna.

"Fis-snin li għaddew, ittieħdu diversi inizjattivi, kemm mis-settur pubbliku kif ukoll dak privat, biex jiżdied l-aċċess għall-*internet* u t-teknoloġija. Fl-istess ħin, gvernijiet differenti ħadmu biex jattiraw l-investiment fl-oqsma tal-banek u tal-logħob *online*. Dawn esponew lis-soċjetà għal reati ġodda."

Il-Kummissarju kompla jfaħħar ix-xogħol li tagħmel it-Taqsima tas-*Cyber Crime*, li għalkemm hu magħmul minn skwadra żgħira, tagħmel minn kollox biex tiżgura li l-vittmi jingħataw is-servizz mistenni u li, wara kollox, ħaqqhom.

"Mill-bidu tagħha, it-taqsima esperjenzat żieda fl-ammont tax-xogħol. U dan minħabba l-fatt li mhux biss qed jikber in-numru t'investigazzjonijiet imma anki l-kumplessità tagħhom."

Il-Kummissarju spjega li kien rari ħafna li investigazzjonijiet ta' dan it-tip ma jirrekjedux xi forma ta' kooperazzjoni internazzjonali u li kien għalhekk li l-Korp tal-Pulizija kien se jkompli jissapportja inizjattivi bħal dan is-seminar.

"L-importanza tal-koperazzjoni fil-ġlieda kontra r-reati elettroniċi qatt ma tista' tkun sottovalutata."

kurt.bugeja-coster@gov.mt

# Tifkiriet u Kuntrasti

minn SM 1133 Joe Borg - Kwartieri Ġenerali

Meta ftit taż-żmien ilu kont qiegħed infittex u naqla' xi ritratti ma' dokumenti oħra bi preparazzjoni għall-proġett tal-fototeka, li biħsiebna ninstallaw ġewwa l-Mużew tal-Pulizija, iltqajt ma' dan ir-ritratt tassew interessanti, b'nota miegħu (b.d.), bl-Ingliż fuq *letter head* ċkejkna mill-eks. Supretendent John C. Suda. Din tgħid li f'dan ir-ritratt jidhru l-*personnell* ta' Ħal Qormi, fosthom l-Ispettur Calleja. Ir-ritratt kien ħadulhom il-Viċi Parroku ta' Ħal Qormi, il-Kanonku Dun Ġwann Batt. Porsella Flores waqt ikla, kif jidher tajjeb fir-ritratt 'il fuq minn mitt sena ilu (c. 1910). Fuq l-istess nota jingħad li dan ir-ritratt u t-tagħrif imsemmi ngħaddulna mill-Kanonku Dun Ġwakkin Schembri ta' Ħal Qormi

Għalkemm ma nafux x'kienet l-okkażjoni, minn kif jidher, aktarx li din l-ikla kienet saret lill-Pulizija mid-diriġenti tal-kleru tal-parroċċa. Ninnotaw li waqt din l-ikla, il-Pulizija, barra l-Ispettur, huma kollha preżenti bl-uniformi. Għal dawk iż-żminijiet ma kenitx xi ħaġa komuni li l-pulizija jiltaqgħu minn jheddhom soċjalment u jorganizzaw ikliet fi gruppi kif nifhmu bihom illum; bejn għax ma kenitx il-moda, kif ukoll minħabba l-mezzi. Kien jinħtieġ ukoll, li jintalab permess uffiċjali sabiex isir dan.

Fiż-żmien li qed insemmu, l-Għassa kienet ġewwa fond fil-pjazza ta' San Franġisk De Paoli, biswit il-kappella ċkejkna tal-Lunzjata. Kif kont aċċennajt f'artiklu preċedenti (Diċ. 2009), il-Pulizija ta' dan ir-raħal kellhom rabta partikulari ma' din il-kappella. Barra minnhekk dawn iż-żewġ entitajiet fir-raħal, kellhom sens kollaborattiv qawwi. Tista' tgħid bħal ma' kienu wkoll l-irħula l-oħra.



Kif nagħmel ħafna drabi, ser nieħu l-okkażjoni sabiex insellem il-memorja ta' dan is-saċerdot studjuż, għaref u umli, illi barra li kien lettur f'diversi suġġetti akkademiċi, kien storiku u riċerkatur serju ħafna, li minn fuq ix-xogħlijiet tiegħu komplew skulari oħra. Lil Dun Ġwakkin niftakru joqgħod fl-istess dar li fiha kien twieled wieħed mill-pilastri tal-lingwa Maltija, Ġuze' Muscat Azzopardi.

joseph.q.borg@gov.mt

# L-*"Advanced Passenger Information System"* (API)

mill-Ispettur Mario Haber – Special Branch



L-"*Advanced Passenger Information*" hija sistema kompjuterizata fejn l-operaturi kollha tal-ivjaġġar li joperaw minn barra ż-żona Schengen, iridu jgħaddu informazzjoni rikjesta lill-Awtoritajiet tal-Immigrazzjoni. Biex jagħmlu hekk dawn irrid ikollhom l-apparat neċessarju biex b'mod eletroniku jgħaddu din l-informazzjoni. Sintendi anke l-Awtorita` tal-Immigrazzjoni rrid ikollha l-apparat neċessarju biex tirċievi din l-informazzjoni.

Għal dan il-għan, il-Pulizija Maltija li hi responsabbli mill-Immigrazzjoni f'Malta, ħadet vantaġġ minn żewġ fondi Ewropej. Il-proġetti Ewropew li jipprovdu dawn il-fondi huma: il-Fond tal-Fruntieri Esterni u l-Programm Annwali 2012 kif ukoll 2013 (EBF 2012-01), (EBF 2013). Dan kollu rrid isir biex tiġi osservata Direttiva Ewropeja 2004/82/EC. Mill-ewwel fond (EBF 2012) il-Pulizija Maltija applikat biex tagħmel studju ta' kif taħdem is-sistema, ta' x'apparat għandu jinxtara u ta' kif għandha titmexxa din is-sistema. Mit-tieni fond (EBF 2013), il-Pulizija tkun tista` tapplika biex tixtri l-apparat u timplimenta s-sistema.

Dan l-istudju, il-Pulizija Maltija mhix qed tagħmlu waħida, imma tqabbdet l-Aġenzija MITA biex tagħmel l-istudji tekniċi neċessarji. Biex seta` jsir studju dettaljat il-Pulizija flimkien ma' uffiċjali tal-MITA, żaru żewġ pajjiżi Ewropej li diġa` qed jużaw din is-sistema, li huma Spanja u l-Italja. Irid jingħad li dawn il-pajjiżi ntagħżlu peress li għandna koperazzjoni tajba u għax diġa` kellna proġetti ta' koperazzjoni magħhom fil-passat.

L-ewwel żjara saret lil *Gruppo Operativo Fronteras Aereas* (C.G.E.F.) f'Madrid bejn id-29 ta' Lulju u l-1 ta' Awissu 2013. It-tieni żjara saret liċ-*Centro Immigrazione Italiana* ġo Cinecita Ruma bejn it-30 ta' Settembru u t-3 ta' Ottubru 2013. Fiż-żewġ żjarat, mhux biss ġie spjegat fid-dettal kif taħdem is-sistema, imma ukoll ġiet murija kif taħdem fil-prattika ġewwa l-ajruporti ta' Barajas u Fiumicino rispettivament. Għal dawn iż-żjarat kien hemm preżenti s-sottoskritt bħala l-*Project Leader*, l-Ispettur Pierre Minuti u s-Surġent Ismael Vassallo mit-taqsima tal-IT, l-Ispettur Sandro Camilleri mit-Taqsima Legali u s-Sinjuri Adrian Avellino, John Fiott u Edward Brincat mill-aġenzija MITA.

Dan l-istudju għandu jiġi fi tmiemu sa Marzu 2014 bi preżentazzjoni ta' rapport. Wara dan ikun imiss li ssir applikazzjoni taħt il-fond EBF 2013, toħroġ is-sejħa għall-offerti u finalment issir l-implimentazzjoni. Meta finalment is-sistema tkun operattiva, il-Pulizija tal-Immigrazzjoni jkollha għodda importanti f'idha, li tkun taf jekk hemmx xi passiġieri li huma *wanted* jew li hemm xi struzzjonijiet oħra. Dan issir billi s-sistema, kif tirċievi l-lista tal-passiġieri, din tiġi vvettjata b'mod awtomatiku max-*Schengen Information System* (SIS) u man-*National Stop List* (NSL). Minbarra li l-Pulizija tkun taf b'din l-informazzjoni meta l-ajruplan ikun għadu kif beda l-vjaġġ lejn Malta, hemm vantaġġ ieħor li l-ħin tal-kontroll tal-passaporti jiġi mnaqqas drastikament, għax l-ivvettjar ikun ġa sar.

L-implimentazzjoni ta' din is-sistema hu pass ieħor malħafna li ġa saru fit-titjib tal-kontroll tal-fruntieri minn meta ngħaqadna fiż-żona Schengen. Huwa pass biex ikollna fruntieri komuni ma' pajjiżi taż-żona Schengen, li jkunu aktar professjonali, aktar effiċjenti u aktar siguri.

mario.haber@gov.mt

Ex. Inspector Dione Bugeja, IPA National President

# International Police Association



**National President End of year message:** When it comes to the year's end, associations and other institutions normally close their books and draw a line to analyse the year's results. If we had to go through that process with regards to our association, during this current year we can say that a lot of basic work has been done, however, we cannot compare 2013 with last year, when we performed a lot of active work in connection with the 14th IPA Mediterranean regional meeting, and the 1st IPA Mediterranean regional pistol shooting competition. Having said so, during this year, the NEC has concentrated its efforts mainly on preparatory work in connection with our 50th anniversary activities to take place next year, which work kept us considerably occupied. As we have already informed you, since the anniversary programme is extended over a period of a couple of months, we will be keeping you adjourned before each activity takes place.

With an aim to reach and communicate more with the young generation, during the past months we have also embarked to improve and make more use of the modern technology when it comes to internet, Facebook etc. We believe that nowadays this is the modern way how we can spread our IPA message and how we can reach the young police officers, making them interested to join our association. While keeping the traditional methods of communication to accommodate our seasoned members, such as the IPA e-News and the IPA articles on *Il-Pulizija*, we have to expand further by making use of the modern means in hand: Smart phones, tablets and PCs. With regards to this, I would like to thank Neville Mercieca, our webmaster and the person responsible for this, who has taken on this task as though it were his baby.

As we all know, "Serving Through Friendship" is our motto and what our association primarily stands for and is based on. During this year, we had several opportunities to express our friendly attitude towards our foreign colleagues, since a considerable number of individual and groups decided to choose our island for their holidays. It was probably a record year for groups, this time from Israel, Paris, UK, Austria and, for the first time, even from down-under Australia. As expected, assistance was rendered to all groups and individuals requesting it and, apart from showing them around and helping them to see our major tourist attractions, they were all invited to PHQ.

We often use the expression ***"time flies"*** and, believe it or not, when I look back I really wonder how 49 years of IPA activities and work have passed by. It was in 1965 when, together with Romeo Micallef, we joined the IPA and, since then, we have not stopped giving our time and energy towards the good of this association, even when everything seemed to be falling on us and all winds were blowing in the opposite direction. I can assure you that working for an association covering local and foreign obligations is quite a task which needs dedication and commitment. In managing a voluntary association such as ours with certain limitations, to reach the doorstep of its 50th anniversary can be considered an achievement. However, there might be individuals who might say that not enough has been done. Yes, fine, we might agree because there is always room for improvement, such as membership, but sometimes it is easier said than done.

Through the NEC we are continuously trying to improve and to keep our section active and in line with what other sections are doing. However, working alone is not enough. We need your support and whenever we organise an activity we expect to find you there with us. As always, we are more than pleased to receive your comments and suggestions on how we can improve and make our section more dynamic. An occasion to express your feelings is our next IPA National Council meeting which will be taking place on **Sunday 19th January at 09.45hrs at the Associations Centre Marsa,** during which the NEC elections 2014 will be held. *Your presence and participation is very important to us.*

Laptop donation by the Bank of Valletta: We are pleased to inform you that after an initiative by NEC member Neville Mercieca, on the 8th October our National President, the Secretary General and NEC member Neville Mercieca were invited to call at the Bank of Valletta Floriana Branch and, in front of Mr. Charles Abela, Personal Assistant to the Chief Officer personal banking and Noel Abela Floriana Branch



Manager, Mr Noel Scerri, Business Generation and EU Affairs, presented Dione Bugeja, on behalf of IPA Malta, an HP laptop. IPA Malta has always been a loyal customer to the bank and, as expected, this gesture on behalf of BOV was very much appreciated. For us as a section, this working tool is going to be very useful for our routine daily work.

**IPA group visit from Section France:** After contacts between John Jourdan of the French IPA Section on the 26th September a group composed of 26 IPA members and friends arrived at Malta International Airport, where they were met by the National President Dione and the Secretary General Romeo. After welcoming the group and a brief discussion, the group was seen off to the hotel. The following day, both Dione and Romeo met John at the Soreda Hotel in Qawra and the visiting programme was discussed including a visit to Police Headquarters. On Wednesday 2nd October, our friends paid a visit to Police Headquarters, where they were met by members of the NEC and taken around the building. At the Police/Crime Museum they were shown around by the museum curator Sgt Marlene and afterwards they were treated to refreshments at the Other Ranks Canteen. Before they left the usual group photo was taken and small gifts exchanged.


French IPA group visiting PHQ 2-10-2013

**Australian IPA group visit:** For the first time in our IPA history, during this month we had the first Australian IPA group from Sydney visiting our island as part of their holidays in Europe. Of course, there is no need to mention our ties with the Australian continent, since everyone here in Malta has a relative who has emigrated to start a new life down under. The group, which was lead by Chief Inspector Geff Boon and made up of twenty seven members, most of them in active service, arrived on the 5th October and stayed with us up to the 8th. During their stay they were helped around by our Secretary General and on Monday 7th they also visited Gozo. On Tuesday 8th at about 1000hrs, the group called for a visit at PHQ and upon their arrival they were welcomed by our National President and members of the NEC. During their morning visit at PHQ the group managed to visit the Police/Crime Museum, the chapel, where they were met by the police chaplain and IPA member Fr Ray Bonnici and also the war-time shelters, underneath the headquarters which were manually dug during the war. At that time the building served as the General Hospital. While the group was visiting the Crime Museum, the Commissioner of Police Mr Peter Paul Zammit, together with Deputy Commissioner Mr Joseph Cachia, Assistant Commissioners Dr Antoine Casha and Superintendent Mario Spiteri came down to greet our colleagues.



Australian IPA group at PHQ on the 8-10-2013


Australian IPA been greeted by the Col P.Mr P.P. Zammit

**Arthur Troop Scholarship:** During this IEC meeting an amended directive regarding the Arthur Troop Scholarship was tabled in front of the delegates for consideration. The objective of these amendments was to make it easier for young members to apply for this scholarship and to simplify the application form. As expected, these amendments were approved unanimously. We encourage our members to take advantage of such an opportunity and apply for these scholarships which are granted every year to young police officers. The fruit is there – just come and pick it.

**In Euro:** As from this year all financial records and costs including the international levy will be furnished and printed in euro, instead of CHF Swiss francs. For all sections within the Euro Zone this is going to be an advantage since now the accounts are more straight forward without the need to convert currency. In view of this, the international levy has now been quoted as €1.65.


Dear Members, on behalf of the Executive Committee
I would like to wish you and your families a Very Happy
Christmas and a Prosperous New Year 2014.

eks-Surġent Joe Borda, PRO/Ass. Teżorier (M.A.R.P.O.)

## Quddiesa ta' Novembru u ċ-ċeremonja fuq l-oqbra tal-Pulizija



Fit-3 ta' Novembru, l-uffiċjali tal-Kunsill, attendew għall-quddiesa għal ruħ il-membri mejta tal-Korp li saret fil-kappella taċ-ċimiterju ta' Santa Marija Addolorata.

Fr. Ray Bonniċi, Kappillan tal-Korp, qaddes il-quddiesa. Preżenti, kien hemm il-Kummissarju Peter Paul Żammit, id-Deputat Kummissarju Joseph Cachia, il-Ministru għall-Intern u s-Sigurta` Nazzjonali, Dr. Emanuel Mallia LL.D MP u s-Sinjura Mallia, kif ukoll iċ-Chief of Staff fil-Ministeru, is-Sur Silvio Scerri, membri tal-Kumitat tal-MARPO, l-IPA, il-*Malta Police Federation*, Uffiċjali tal-Korp u nies oħra.



Wara l-quddiesa, saret iċ-ċerimonja ta' tberik fuq l-oqbra tal-Korp, fejn wara tpoġġew għadd ta' kuruni tal-fjuri minn diversi għaqdiet, fosthom il-*Malta Association of Retired Police Officers*, il-*Malta Police Association* u l-*International Police Association.*

## Għawdex



Il-Ħadd 17 ta' Novembru saret quddiesa għall-Pulizija Għawdxin u pensjonanti, fil-kappella taċ-ċimiterju ta` Santa Marija.

Wara sar it-tberik fuq l-oqbra tal-Pulizija u t-tqegħid ta' kuruni tal-fjuri mill-Kummissarju Peter Paul Zammit u mill-President tal-MARPO, Charles Curmi.

**Jum it-Tifkira, il-Ħadd 10 ta' Novembru**

Għal l-ewwel darba, il-M.A.R.P.O. kienet mistiedna biex tip-parteċipa fil-parata li ssir fejn il-Monument tal-Gwerra, il-Furjana.



Wara l-quddiesa saret iċ-ċerimonja tat-tqegħid ta' kuruni fuq dan l-istess monument. Il-President Charles Curmi poġġa kuruna fuq il-Monument għan-nom tal-M.A.R.P.O.

Ta' min ifakkar li matul it-Tieni Gwerra Dinija, tilfu ħajjithom tmien membri tal-Korp tal-Pulizija. Dawn huma:

- PC 176 J. Gatt
- PC 284 L. Cassar
- PC 291 F. Camilleri
- PC 192 A. Camilleri
- PS 89 C. Lanzon
- PC 547 A. Vella
- PS 184 M. Riviera
- PS 232 F. Cordina

## Miżata

Issa, li riesaq iż-żmien biex titħallas il-miżata tal-Għaqda, inħeġġeġ lill-membri biex jaġġustaw il-ħlas dovut ta' €5 fis-sena. Il-ħlas jista' jsir fl-uffiċċju tal-Għaqda ġewwa l-Menqa li jkun miftuħ kull nhar ta' Tnejn, bejn id-9.00am u nofsinhar.  Jista wkoll jsir ħlas b'cheque pagabbli "M.A.R.P.O." u jimpustawh: "M.A.R.P.O." , P.O.BOX 36, B'Kara.  Wara l-ħlas tintbagħat irċevuta bil-posta.

## Mill-Imgħoddi



Ritratt sabiħ ta' ħames pulizija. Dawn il-ħamsa huma kollha familja waħda! Din hija l-familja Grech mill-Ħamrun.

Fuq wara hemm PC 402 Rozario (Lolly) Grech u PC 754 Kelinu Grech. Fuq quddiem hemm PS 527 Carmel Grech, PC 215 Wenzu Grech (il-missier) u PC 395 Gejtu Grech.

Dawn kollha kienu stazzjonati l-Kavallerija tal-Pulizija.

Lorry Grech kien wieħed minn erba' pulizija tal-Kavallerija li kien ittella` l-Ingilterra biex jeskorta lil Prim Ministru ta' Malta, Dr. George Borg Oliver, għaċ-ċerimonja tal-Kurunazzjoni tar-Reġina Eliżabetta, fis-sena 1953.

**Xewqat Sbieħ**

Il-President, l-Uffiċjali u l-Membri tal-Kunsill jixtiequ l-isbaħ xewqat għall-Milied u s-Sena l-Ġdida lill-membri u lill-familji tagħhom, kif ukoll lill-qarrejja kollha ta' dan il-magażin.





Ex. Pc 53 Joseph Zammit
1930 – 2013
1953 – 1981



Ex. Ps 134 Joseph Attard
1964 – 2013
1982 – 2004



Ps 55 John Bonello
1928 – 2013
1952 – 1965



Ex Ps 808 Paul Borg
1932 – 2013
1951 - 1977

*Agħtihom, O Mulej il-Mistrieħ ta' Dejjem*